**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1110/2022 DC**

**Melita Limited (C-12715)**

**vs**

**Betago Ltd (C-71266)**

Illum, 27 ta' Marzu, 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta Melita Limited (C-12715) preżentat fil-21 ta' Novembru 2022 permezz ta' liema ppremettiet is-sewgenti:

1. *Illi s-soċjeta' intimata ġiet pprovduta servizz ta' 'colocation', 'bandwidth' u telefonija multiline mis-soċjeta' rikorrenti, liema servizz ingħata bejn il-perjodu ta' Marzu 2021 sa' Marzu 2022;*

2. *Illi s-soċjeta' rikorrenti Melita Limited harġet diversi fatturi lis-soċjeta' intimata li huma s-segwenti:*

    a. *Fattura b'numru SOI0011448 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Marzu 2021 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin Euro (€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;*

    b. *Fattura b'numru SOI0011449 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Marzu 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin Euro punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok B;*

d) *Fattura b'numru SOI0011730 maħruġa fl-ewwel (1) ta' April 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok D;*[1]

e) *Fattura b'numru SOI0012318 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2021 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok E;*

f) *Fattura b'numru SOI0012319 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok F;*

g) *Fattura b'numru SOI0012912 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Awwissu 2021 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok Ġ;*

h) *Fattura b'numru SOI0012913 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Awwissu 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok H;*

i) *Fattura b'numru SOI0013520 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2021 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok I;*

j) *Fattura b'numru SOI0013521 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok J;*

k) *Fattura b'numru SOI0013829 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Novembru 2021 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok K;*

l) *Fattura b'numru SOI0013830 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Novembru 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok L;*

m) *Fattura b'numru SOI0014132 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Diċembru 2021 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok M;*

---

[1] Fir-rikos ġuramentat il-paragrafu "c" huwa nieqes.

n) *Fattura b'numru SOI0014133 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Diċembru 2021 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok N;*

o) *Fattura b'numru SOI0014453 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Jannar 2022 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok O;*

p) *Fattura b'numru SOI0014454 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Jannar 2022 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok P;*

q) *Fattura b'numru SOI0014765 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Frar 2022 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481)* hawn annessa u *mmarkata bħala Dok Q;*

r) *Fattura b'numru SOI0014766 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Frar 2022 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok R;*

s) *Fattura b'numru SOI0015091 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Marzu 2022 għas-somma ta' tlett elef erba' mija wieħed u tmenin* Euro *(€3,481) hawn annessa u mmarkata bħala Dok S;*

t) *Fattura b'numru SOI0015092 maħruġa fl-ewwel (1) ta' Frar 2022 għas-somma ta' erbgħa u ħamsin* Euro *punt disgħa u disgħin ċenteżmi (€54.99) hawn annessa u mmarkata bħala Dok T;*

3. *Illi* s-somma globali dovuta *mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti tammonta għall-ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin* Euro *punt disgħin ċenteżmi (€35,359.90);*

4. *Illi għalhekk s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin* Euro *punt disgħin ċenteżmi (€35,359.90);*

5. *Illi l-imsemmi ammont ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin* Euro *punt disgħin ċenteżmi (€35,359.90) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li* ma *jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti u ghalħekk* fil-fehma tas-*soċjeta' rikorrenti jikkonkorru* l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et seq tal-Kap 12, *tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-*dispensa *tas-smiegħ, billi fil-*

*fehma ta' l-istess soċjeta' rikorrenti, s-soċjeta' intimata m'għandiex eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;*

6. *Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' intimata u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*
7. *Illi fl-umli fehma tas-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tar-rikorrent;*

U wara li hekk ippremettiet, talbet is-segwenti:

*tgħid għalhekk s-soċjeta' intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi s-soċjeta' Betago Ltd hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti Melita Limited ghas-somma ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin Euro punt disgħin ċenteżmi (€35,359.90) għas-servizz ta' data u telefonija li ngħata minn Marzu 2021 sa Marzu 2022;*

3. *Tikkundana lis-soċjeta' Betago Ltd sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti Melita Limited is-somma ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin Euro punt disgħin ċenteżmi (€35,359.90) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjes u l-imgħaxijiet kontra s-soċjeta' intimata li tibqa nġunta minn issa għas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti kollha annessa ma'l-istess rikors ġuramentat, u cioe il-fatturi maħruġin lis-soċjeta konvenuta.

Rat id-digriet mgħoti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fit-23 ta' Novembru 2022 u li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tat-12 ta' Diċembru 2022 u s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura ta'l-affissjoni u l-publikazzjoni ai termini ta'l-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' affissjonijiet li saru fit-2 ta' Frar 2023 u publikazzjonijiet li saru fil-Gażżetta tal-Gvern fil-31 ta' Jannar 2023, u f'gażżetti lokali fit-2 ta' Marzu 2023 u fit-3 ta' Marzu 2023.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fis-6 ta' Marzu 2023 minn din il-Qorti kif diversament prejeduta, meta, minkejja li debitament notifikata bir-rikors u l-avviż tas-smiegħ, is-soċjeta konvenuta ma deheritx. Madanakollu, peress li t-terminu kontemplat mil-liġi f'l-artikolu 169 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien għadu għaddej, il-kawża ġiet differita għall-llum.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti mgħoti f'l-20 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li s-soċjeta konvenuta naqset li tidher ukoll ghas-seduta miżmuma llum, u lanqas ippreżentat nota fir-reġistru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tattakka l-proċedura tentata bħala waħda mhux regolari jew li ma tgħoddx ghal każ.

Rat li konsegwentement is-soċjeta' konvenuta ġiet meqjusa li tinsab fi stat ta' kontumaċja għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi hekk kif maħluf mill-Avukat Dr. Cedric Mifsud jrriżulta li:

- is-soċjeta' attriċi provdiet servizz ta' *colocation*, *bandwidth* u telefonija *multiline* lis-soċjeta' konvenuta ghal liema servizzi s-soċjeta' attriċi kienet ħarġet il-fatturi esebiti in atti;
- mill-fatturi esebieti jidher li l-ammont dovut huwa fil-fatt ħamsa u tlettin elf, tlett mija u disgħa u hamsin Euro disgħin centzmu (€35,359.90)[2];
- minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex isir il-ħlas għas-servizzi provduti lis-soċjeta' konvenuta, l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;

[22] Għal kull bon fini jiġi rilevat li fit-tieni premessa fir-rikors ġuramentat fejn hemm elenkati l-fatturi, it-tielet fattura esebita bħala Dok C mhiex elenkata. Madanakollu l-ammont globali ta' €35,359.90 imsemmi fit-tielet premessa jinkludi il-valur ta' din il-fattura.

- id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Illi, wara li l-Qorti rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-rikors ġuramentat jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati stante li jirriżultaw ippruvati u b'hekk il-Qorti ser tilqa' t-talbiet hekk kif kontenuti fir-rikors ġuramentat, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Betago Ltd hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi Melita Limited fis-somma ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€35,359.90) għas-servizz ta' *data* u telefonija li ngħata minn Marzu 2021 sa Marzu 2022; u

(3) Tilqa' it-tielet talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Betago Ltd tħallas is-somma ta' ħamsa u tletin elf, tlett mija disgħa u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€35,359.90).

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament effettiv, jitħallsu kollha mis-soċjeta' konvenuta Betago Ltd.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**